MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 68/2006

**F. Advertising Ltd (C-27689)**

**Vs**

**Adbel Rehim Ezam u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2006 giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens li l-isem tal-konvenut ghandu jinqara "Abdel Rehim Esam"**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Jannar 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tliet mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm1321.60) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2007, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf tliet mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm1321.60), bl-imghax legali u bl-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------